Għaqda Komunitarja tas-Sajd
Marsamxett - Valletta
'Le Rêve', Triq Ġorġ Żammit, Tal-Fuklar, Attard (ATD2350)

Affiljata mal-Federazzjoni Dilettanti tal-Għaqdiet tas-Sajjieda Malta

# REGOLAMENTI GĦALL-MEMBRI

1. Ser ikun hemm tlett kategoriji ta' membri li huma *Gold, Silver u Bronze*. *Bronze* ser ikunu membri li mhux ser jgħamlu usu tal-*Winch*, l-għodda u il-faċilitajiet tal-karma. *Gold* u *Silver* ser ikunu membri li jistagħu jitolbu l-permess biex jużaw il-Winch, l-għodda u il-faċilitajiet tal-kamra.

2. Dawk il-membri li ser ikunu pparteċipaw ta' l-anqas f'kompetizzjoni waħda, fis-sena ta' qabel ma jġeddu il-*membership*, ser jinatgħu il-*Gold Card*. Dawk il-membri li ma jkunux ipparteċipaw fl-ebda kompetizzjoni s-sena ta' qbel ma jġeddu l-*membership* jinatgħu s-*Silver Card*.

3. Membri ġodda għandhom jimlew il-formula bid-dettalji personali u d-dettalji tad-dgħajsa tagħhom, u jibgħatuha lis-segretarju. Kull membru ġdid jista jirregistra biss għall-*SILVER* jew *BRONZE membership*.

4. Meta l-applikazzjoni tal-membri l-ġodda tiġi approvata mill-kumitat, il-membri *s-Silver* il-ġodda jħallsu €25 u l-Bronze iħallsu €5 bħala reġistrazzjoni.

5. Jekk magħatul l-ewwel sena is-*Silver* member ikun ipparteċipa ta' l-anqas f'kompetizzjoni waħda milli torganizza l-għaqda, meta jerġgħa jġġedded il-membership dan jingħata l-*Gold* awtomatikament.

6. Membri *Gold, Silver u Bronze* ser iħallsu €5 f'Jannar ta' kull sengħa, biex iġeddu il-*membership*. Min ma jġeddidx il-membership għal aktar minn sentejn ikollu jerġa japplika mill-ġdid u iħallas €25 (Fil-kas ta' *Gold u Silver Membership*).

7. Kull min hu reġistrat għandu id-dritt (u inħeġġuħ), li jieħu sehem fl'attivitajiet li torganizza l-Għaqda. Jekk ikun hemm xi ħlas għal dik l-attivita' partikolari dan għandu jiġi mħallas xorta waħda.

8. Il-membri *Gold* u *Silver* li jkollom il-*membership* imħallsa għandhom id-dritt li jgħamlu użu mill-faċilitajiet tal-*Winch*, *power wash* u għodda oħra li jinsabu fil-kamra. Il-*Gold Members* għandhom jgħatu donazjoni ta' mhux anqas min €5, filwaqt li is-*Silver Members* għandhom jgħatu donazjoni ta' mhux anqas min €10 kull meta jgħamlu użu mis-servizzi tal-kamra. Jekk l-użu ta' dawl u ilma jkun fit-tul, il-ħlas għandu jkun proporzjonat mad-dewmien.

9. Iċ-ċwievet tal-kamra ser ikunu għand Franky Azzopardi (Ass. Teżorier), Alfred Muscat (Membru Kumitat) u Corrado Rossitto **biss**. Min ser ikollu bżonn tal-kamra għandu javża lil wieħed min dawn in-nies ta' l-anqas ġurnata qabel u jiftiehem magħhom biex jiftħulu.

10. Importanti li wieħed japprezza li dawn l-affarijiet jiswew ħafna flus u għandhom jiġu wżati b'attenzjoni. Jekk waqt l-użu l-għodda jinqalalha xi ħsara dan għandu jiġl irrapurtat mill-ewwel lil min ikun fetaħ il-kamra. L-Għaqda ser tagħmel tajjeb għat-tiswijiet neċessarji sakemm il-ħsarat ma kienux ikkaġunati bi traskuraġni jew vendikazzjoni.

11. Ħadd ma għandu jħalli affarijiet personali fil jew fuq il-kamra. Dawn huma ta' periklu u ngombru kbir.

12. Ħadd ma jista jieħu xi għodda mill-kamra u jużhom x'imkien ieħor ħlief Marsamxett.

13. Min ikun ser itella jew iniżżel xi inġenji u għandu bżonn il-*Winch* irid javża ġurnata qabel biex tinfetaħlu il-kamra. Min ma jafx juża il-*Winch* għandu javża biex nipprovdulu l-għajnuna meħtieġa. Meta qed jintuża il-*Winch* għandha tiġl mgħaluqa it-triq permezz tas-sinjali li hemm fil-kamra. Dawn għandhom jiġu irritornati l-ura meta wieħed ilesti.

14. Xogħol min jiftaħ u jgħalaq il-kamra hu li jara li kollox ġie impoġġl f'postu, mhux li jiġbor l-affarijiet wara ħaddieħor. Għalhekk kull min jgħamel użu ta' xi ħaġa mill-kamra huwa responsabbli għaliha u irid jerġgħa jagħmila f'posta.

15. Kull min jgħamel xi xogħol fuq l-art għandu jieħu ħsieb li jnaddaf warajħ. L-Għaqda tipprovdi tank ħdejn il-kamra għaż-żejt maħruq. Il-ħlas talli jinġabar dan iż-żejt tgħamel tajjeb għalieħ l-Għaqda.

16. Il-membri kolla li jkollom il-*membership* imħallsa jistaw jgħamlu użu mill-kameras li hemm jissorveljaw lejl u nhar. L-Għaqda tipprovdi *software* b'xejn, u istruzzjonijiet kif dan għandu jiġl installat fuq il-kompjuter. B'hekk wieħed mid-dar ikollu aċċess u jkun jista jara l-erbgħa kameras. Min jixtieq jagħmel użu min din il-faċilita' għandu jgħamel kuntat ma xi membru tal-kumitat.

17. Il-kumitat għandu id-dritt li jikkanċella il-membership ta' xi membru jekk dan jonqos milli josserva ir-regolamenti tal-għaqda.

18. Il-kumitat għandu id-dritt li jemmenda dawn ir-regolamenti kif meħtieġ. Id-deċiżjoni tal-kumitat hija finali.